32002L0097

18.12.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 343/23

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2002/97/KE

## tas-16 ta' Diċembru 2002

## li temenda l-Annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE dwar l-iffissar ta' livelli massimi ta' residwi tal-pestiċidi (2,4-D, triasulfuron u thifensulfuron methyl) fuq u fiċ-ċereali, oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali u ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inkluż frott u ħaxix

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fuq u fiċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/79/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fuq u fl-oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/79/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fuq jew fi prodotti li joriġinaw mill-pjanti inklużi l-frott u l-ħaxix [4], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/79/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jipproteġu l-pjanti [5], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/81/KE [6], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f) tagħha,

Billi:

(1) Is-sustanzi attivi eżistenti 2,4-D, triasulfuron u thifensulfuron methyl, (is-sustanzi attivi konċernati), ġew inklużi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/103/KE [7], 2000/66/KE [8] u 2001/99/KE [9], rispettivament, sabiex jintużaw bħala erbiċidi, iżda mingħajr ma ġew speċifikati l-kondizzjonijiet li għandhom impatt fuq il-ħxejjex li jistgħu jiġu ttrattati bi prodotti għal protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza attiva.

(2) L-inklużjoni fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE ta' dawn is-sustanzi attivi kienet ibbażata fuq evalwazzjoni ta' l-informazzjoni sottomessa dwar l-użu propost. Informazzjoni dwar dan l-użu ġiet sottomessa minn ċerti Stati Membri skond l-Artikolu 4(1)f tad-Direttiva 91/414/KEE. L-informazzjoni disponibbli ġiet riveduta u hija biżżejjed sabiex tippermetti li jiġu stabbiliti ċerti livelli massimi ta' residwi (LMR).

(3) Fejn ma jkun hemm l-ebda LMR tal-Komunità jew LMR proviżorju, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu LMR nazzjonali proviżjonali skond l-Artikolu 4(1)f tad-Direttiva 91/414/KEE qabel ma jiġu awtorizzati prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza attiva.

[1] ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37.
[2] ĠU L 291, tat-28.10.2002, p. 1.
[3] ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 43.
[4] ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71.
[5] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[6] ĠU L 276, tat-12.10.2002, p. 28.
[7] ĠU L 313, tat-30.11.2001, p. 37.
[8] ĠU L 276, tat-28.10.2000, p. 35.
[9] ĠU L 304, tal-21.11.2001, p. 14.

(4) Fir-rigward ta' l-inklużjoni fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanza attiva konċernata, l-evalwazzjonijiet tekniċi u xjentifiċi relatati ġew finalizzati fil-forma ta' rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Ir-rapport ġie finalizzat nhar it-2 ta' Ottubru 2001 għal 2,4-D, nhar it-13 ta' Lulju 2000 għal triasulfuron u nhar id-29 ta' Ġunju 2001 għal thifensulfuron methyl. Ir-rapporti stabbilew id-Dħul Aċċettabli ta' Kuljum (DAK) għal 2,4-D f'0,05 mg/kg bw/jum, għal triasulfuron f'0,01 mg/kg bw/jum u għal thifensulfuron methyl f'0,01 mg/kg bw/jum. L-espożizzjoni matul il-ħajja tal-konsumaturi għal prodotti ta' l-ikel trattati bis-sustanzi attivi konċernati ġiet evalwata skond il-proċeduri tal-Komunità. Ġew ikkunsidrati wkoll il-linji ta' gwida ppubblikati mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa ([1]) u l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti ([2]) dwar il-metodoloġija wżata. Ġie konkluż li l-LMR proposti ma jwasslux għal li jinqabeż id-DAK. Ma kienu nnutati l-ebda effetti tossiċi akuti ta' Doża Referenzjali Akuta matul l-evalwazzjoni u d-diskussjonijiet ta' qabel l-inklużjoni tas-sustanzi attivi konċernati fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur ikun protett kif jixraq minn espożizzjoni għal residwi fuq jew fi prodotti li għalihom ma tkunx ħarġet awtorizzazzjoni, huwa prudenti li jiġu stabbiliti LMR proviżorji fil-limitu l-aktar baxx ta' determinazzjoni analitika tal-prodotti kollha koperti bid-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE.

(6) L-iffissar fuq livell tal-Komunità ta' LMR proviżorji bħal dawn ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jistabbilixxu livelli ta' residwi massimi proviżorji skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Anness VI tagħha. Huwa meqjus li perjodu ta' erba snin huwa biżżejjed sabiex jippermetti l-iżvilupp tas-sustanza attiva konċernata. L-LMR proviżorji għandhom imbagħad isiru definittivi.

(7) L-Annessi għad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE għandhom għaldaqstant jiġu emendati bix-xieraq.

(8) Il-Kummissjoni għarrfet lill-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ b'din id-Direttiva f'forma abbozzata u l-kummenti irċevuti ġew ikkunsidrati fil-finalizzazzjoni tad-Direttiva. Il-possibilità li jiġu ffissati LMR ta' tolleranza għal importazzjoni għal kombinazzjonijiet speċifiċi ta' pestiċidi/ħxejjex għandha tiġi eżaminata mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' data aċċettabli sottomessa.

(9) Din id-Direttiva hija bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Il-livelli massimi ta' pestiċidi li ġejjin huma miżjudin ma Parti A ta' l-Anness II għad- Direttiva 86/362/KEE:

| "Residwi tal-pestiċidi | Livell massimu f'mg/kg |
|---|---|
| 2,4-D (total ta' 2,4-D u l-esters tiegħu espressi bħala 2,4-D) | 0,05 (*) (p)ċereali |
| Triasulfuron | 0,05 (*) (p) ċereali |
| Thifensulfuron methyl | 0,05 (*) (p) ċereali |

(*) tindika l-livell minimu ta' determinazzjoni analitika
(p) tindika l-livell massimu proviżorju tar-residwu skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jiġix emendat, dan il-livell isir definittiv b'effett minn erba' snin mid-data ta' dħul fis-seħħ din id-Direttiva."

([1]) Linji ta' gwida sabiex jiġi mbassar id-dħul mill-ikel ta' residwi ta' pestiċidi (riveduti), ppreparati minn GEMS/Programm ta' l-Ikel f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi ta' Pestiċidi, ppubblikati mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa 1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).
([2]) L-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti fir-rigward ta' kwestjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-Annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE (L-opinjoni mfissra mill-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, 14 ta' Lulju 1998) (http://europa.eu.int/comm/dg24/health/sc/scp/out21_en.html).

*L-Artikolu 2*

Il-livelli massimi ta' residwi tal-pestiċidi li ġejjin huma miżjudin ma' Parti B ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/363/KEE:

| "Residwi tal-pestiċidi | Livell massimu (mg/kg) | | |
|---|---|---|---|
| | Tal-laħam, inkluż ix-xaħam, preparazzjonijiet tal-laħam, ġewwieni u xaħam ta' l-annimali kif elenkat fl-Anness I fi ħdan il-kodiċi NM Nru 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, ex 0208, u 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602 | Għal ħalib u prodotti tal-ħalib elenkati fl-Anness I fi ħdan il-kodiċi NM Nru 0401, 0402, 0405 00 u 0406 | Tal-bajd frisk bil-qoxra, għal bajd ta' l-għasafar u isfar tal-bajd ta' l-għasafar elenkati fl-Anness I fi ħdan il-kodiċi NM 0407 00 u 0408 |
| 2,4-D | Fwied (għajr tjur) 1 (p)<br>Oħrajn 0,05 (*) (p) | 0,01 (*) (p) | 0,01 (*) (p) |

(*) tindika l-livell minimu ta' determinazzjoni analitika

(p) tindika l-livell massimu proviżorju tar-residwu skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jiġix emendat, dan il-livell isir definittiv b'effett minn erba' snin mid-data ta' dħul fis-seħħ din id-Direttiva."

*L-Artikolu 3*

Il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi għas-sustanzi attivi konċernati kif murija fl-Anness għal din id-Direttiva huma miżjudin ma' l-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE.

*L-Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 2003 l-aktar tard. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet b'effett mill-1 ta' Lulju 2003.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha issir referenza bħal din.

*L-Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li tkun ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*L'ANNESS*

| Gruppi w eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-LMR | Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg) | | |
|---|---|---|---|
| | Triasulfuron | Thifensulfuron methyl | 2,4-D (total ta' 2,4-D u l-esters tiegħu) imfissra bħala 2,4-D) |
| "1. **Frott frisk, imnixxef jew mhux imsajjar, ippriservat permezz ta' ffriżar, li ma fihx zokkor miżjud; lewż** | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) (p) |
| (i) FROTT TAĊ-ĊITRU | | | |
| Grejpfrut | | | |
| Lumi | | | |
| Lumi qares | | | |
| Mandolin (inklużi klementini u taħlitiet oħra) | | | |
| Larinġ | | | |
| Pomelos | | | |
| Oħrajn | | | |
| (ii) LEWŻ TAS-SIĠAR (bil-qoxra jew mingħajr qoxra) | | | |
| Lewż | | | |
| Ġewż tal-Brażil | | | |
| Cashew nuts | | | |
| Qastan | | | |
| Ġewż ta' l-Indi | | | |
| Ġellewż | | | |
| Macadamia | | | |
| Ġewż Amerikan | | | |
| Pine nuts | | | |
| Pistaċċi | | | |
| Ġewż | | | |
| Oħrajn | | | |
| (iii) FROTT *POME* | | | |
| Tuffieħ | | | |
| Lanġas | | | |
| Sfraġel | | | |
| Oħrajn | | | |
| (iv) FROTT BL-GĦADMA | | | |
| Berquq | | | |
| Ċirasa | | | |
| Ħawħ (inklużi nettarini u ibridi oħra simili) | | | |
| Għajnbaqar | | | |
| Oħrajn | | | |
| (v) TUT U FROTT ŻGĦIR | | | |
| (a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid | | | |
| Għeneb tal-mejda | | | |
| Għeneb ta' l-inbid | | | |
| (b) Frawli (għajr il-frawli salvaġġ) | | | |

| Gruppi w eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-LMR | Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg) | | |
|---|---|---|---|
| | Triasulfuron | Thifensulfuron methyl | 2,4-D (total ta' 2,4-D u l-esters tiegħu) imfissra bħala 2,4-D) |
| (ċ) Frott biz-zokk irqiq (mhux salvaġġ) | | | |
| Tut | | | |
| Dewberries | | | |
| Loganberries | | | |
| Lampun | | | |
| Oħrajn | | | |
| (d) Frott ieħor żgħir u tut (mhux salvaġġ) | | | |
| Mirtill | | | |
| Cranberries | | | |
| Passolina (ħamra, sewda u bajda) | | | |
| Ribes | | | |
| Oħrajn | | | |
| e) Tut salvaġġ u frott salvaġġ | | | |
| (vi) MIXXELLANJI | | | |
| Avokado | | | |
| Banana | | | |
| Tamal | | | |
| Tin | | | |
| Kiwi | | | |
| Kumquat | | | |
| Litchi | | | |
| Mangu | | | |
| Żebbuġ | | | |
| Passion fruit | | | |
| Ananas | | | |
| Rummien | | | |
| Oħrajn | | | |
| 2. **Ħaxix, frisk jew mhux imsajjar, iffriżat jew imnixxef** | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) (p) |
| (i) GĦERUQ U ĦAXIX TUBERU | | | |
| Pitravi | | | |
| Karrotti | | | |
| Karfus | | | |
| Horseradish | | | |
| Artiċokks | | | |
| Parsnips | | | |
| Tursin | | | |
| Ravanell | | | |
| Sassefrika | | | |
| Patata ħelwa | | | |

| Gruppi w eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-LMR | Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg) | | |
|---|---|---|---|
| | Triasulfuron | Thifensulfuron methyl | 2,4-D (total ta' 2,4-D u l-esters tiegħu) imfissra bħala 2,4-D) |
| Swedes | | | |
| Turnips | | | |
| Yam | | | |
| Oħrajn | | | |
| (ii) ĦAXIX F'GĦAMLA TA' BASLA | | | |
| Tewm | | | |
| Basal | | | |
| Shallots | | | |
| Basal tar-rebbiegħa | | | |
| Oħrajn | | | |
| (iii) ĦAXIX LI JAGĦMEL IL-FROTT | | | |
| (a) *Solanacea* | | | |
| Tadam | | | |
| Bżar | | | |
| Brunġiel | | | |
| Oħrajn | | | |
| (b) *Cucurbits* – bil-qoxra li tittiekel | | | |
| Ħjar | | | |
| Gherkins | | | |
| Zukkini | | | |
| Oħrajn | | | |
| (ċ) *Cucurbits* – bil-qoxra li ma tittiekilx | | | |
| Bettieħ | | | |
| *Squashes* | | | |
| Dulliegħ | | | |
| Oħrajn | | | |
| (d) *Sweet corn* | | | |
| (iv) ĦAXIX BRASSIKA | | | |
| (a) Brassika li tagħmel il-fjur | | | |
| Brokkoli | | | |
| Pastard | | | |
| Oħrajn | | | |
| (b) Brassika bil-weraq | | | |
| Brussels sprouts | | | |
| Kaboċċa tar-ras | | | |
| Oħrajn | | | |
| (ċ) Brassika bil-ħaxix | | | |
| Kaboċċa ċiniża | | | |
| Kale | | | |
| Oħrajn | | | |
| (d) Ġidra | | | |

| Gruppi w eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-LMR | Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg) | | |
|---|---|---|---|
| | Triasulfuron | Thifensulfuron methyl | 2,4-D (total ta' 2,4-D u l-esters tiegħu) imfissra bħala 2,4-D) |
| (v) ĦAXIX W ĦXEJJEX FRISKI | | | |
| (a) Ħass u simili | | | |
| Krexxuni | | | |
| Valerjanella | | | |
| Ħass | | | |
| Scarole | | | |
| Oħrajn | | | |
| (b) Spinaċi u simili | | | |
| Spinaċi | | | |
| Pitravi *(chard)* | | | |
| Oħrajn | | | |
| (ċ) Siji | | | |
| (d) *Witloof* | | | |
| (e) Ħxejjex aromatiċi | | | |
| Maxxita | | | |
| Kurrat salvaġġ | | | |
| Tursin | | | |
| Weraq tal-karfus | | | |
| Oħrajn | | | |
| (vi) ĦAXIX LEGUMINUŻ (frisk) | | | |
| Fażola (bil-miżwed) | | | |
| Fażola (mingħajr miżwed) | | | |
| Piżelli (bil-miżwed) | | | |
| Piżelli (mingħajr miżwed) | | | |
| Oħrajn | | | |
| (vii) ĦAXIX TAZ-ZOKK (frisk) | | | |
| Asparagu | | | |
| Cardoons | | | |
| Karfus | | | |
| Bużbież | | | |
| Qaqoċċ | | | |
| Kurrat | | | |
| Rabarbru | | | |
| Oħrajn | | | |
| (viii) FAQQIEGĦ | | | |
| (a) Faqqieħ ikkoltivat | | | |
| (b) Faqqiegħ salvaġġ | | | |
| 3. **Legumi** | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) (p) |
| Fażola | | | |
| Għads | | | |
| Piżelli | | | |
| Oħrajn | | | |

| Gruppi w eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-LMR | Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg) | | |
|---|---|---|---|
| | Triasulfuron | Thifensulfuron methyl | 2,4-D (total ta' 2,4-D u l-esters tiegħu) imfissra bħala 2,4-D) |
| 4. **Żerriegħa taż-żejt** | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) (p) | 0,1 (*) (p) |
| Żerriegħa tal-kittien | | | |
| Karawett | | | |
| Żerriegħa tal-peprin | | | |
| Ġulġlien | | | |
| Żerriegħa tal-ġirasol | | | |
| Żerriegħa tal-kolza | | | |
| Fażola tas-soja | | | |
| Żerriegħa tal-mustarda | | | |
| Żerriegħa tal-qoton | | | |
| Oħrajn | | | |
| 5. **Patata** | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) (p) |
| Patata bikrija | | | |
| Patata tal-ħażna | | | |
| 6. **Te (weraq u zkuk, imnixxfa, fermentati jew mod ieħor, mill-weraq tal-*Camellia sinensis*)** | 0,1 (*) (p) | 0,1 (*) (p) | 0,1 (*) (p) |
| 7. ***Hops* (imnixxef), inklużi pellets tal-*hops* u trab mhux konċentrat** | 0,1 (*) (p) | 0,1 (*) (p) | 0,1 (*) (p) |

(*) tindika l-livell minimu ta' determinazzjoni analitika

(p) tindika l-livell massimu proviżorju tar-residwu skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jiġix emendat, dan il-livell isir definittiv b'effett minn erba' snin mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva."